MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 378/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Franco Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta' Frar, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Jolanda Briffa Scicluna w/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-unika akkuza migjuba kontrih, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Semghet ix-xhieda ta' mart l-appellant fl-udjenza tal-lum li qalet li wara li din il-Qorti tat lill-appellant ftit hin ghall-hlas, dan hallas kollox seduta stante.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi l-appellant irrinunzja ghall-aggravji dwar il-mertu w zamm ferm l-aggravju dwar il-piena.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena eccessiva, l-principju regolatur hu li l-Qorti tal-appell ma tvarjax il-piena jekk din tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament ecessiva ghall-kaz in ezami.

Certament li f' dan l-kaz il-piena ta' gimgha detenzjoni tidhol sew fil-parametri tal-ligi fejn il-piena massima hi addiritura dik ta' xaharejn detenzjoni.

Irrizulta pero' li fil-mori ta' dan l-appell l-appellant hallas l-ammont dovut u li martu ddikjarat li tinsab sodisfatta w m' ghandhiex interess li zewgha jintbaghat il-habs.

Illi kif dejjem ghamlet din il-Qorti, fejn ikun sar zvilupp pozittiv bhal dan fil-mori tal-appell, tkun propensa li tikkonsidra mitigazzjoni fil-piena. Dan ghaliex, kif gie ritenut:-

*"din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta mtroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien*

*li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena"* (ara: App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Publius Said**" [9.7.2003] u hafna ohrajn.)

Dan japplika wkoll ghall-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-gimgha detenzjoni w minnflok, tikkundannah ghal hamsin Ewro (€50) ammenda li, jekk ma jithallsux illum stess, jigu konvertiti f' erbat (4) ijiem detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------